MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 491/2002

**Penza Construction Limited**

**vs**

**Sindku u Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mija u tnejn u sittin Liri Maltin u sittin centezmu (LM2,162.60,0), rappresentanti l-bilanc tal-valur tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu u**

**ghall-beneficcju tal-Kunsill Lokali konvenut, ai termini tal-appalt fdat mill-Kunsill lill-istess socjeta' attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2001 u tal-mandat kawtelatorju ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha gew kompletati x-xogholijiet sad-data tal-pagament effettiv, bl-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherx, la fis-17 ta' Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**